GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT
IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI
DIPARTIMENT TAL-EŻAMIJIET

# Eżami ta' Kwalifikazzjoni għal Learning Support Educators Supplimentari

# Frar 2026

**Suġġett:** **Malti**

**Data:** **Is-16 ta' Frar 2026**

**Ħin:** **09:00 – 10:30 (Siegħa u tletin minuta)**

**Istruzzjonijiet ġenerali:**

**Din il-karta tal-eżami fiha ERBA' taqsimiet: Taqsima 1,2,3 u 4.**
**Il-kandidati jridu jwiġbuhom KOLLHA skont l-għażla indikata.**
**Il-kandidati huma mħeġġa jaqraw sew l-istruzzjonijiet f'kull taqsima.**
**Il-marki għal kull mistoqsija jidhru fil-parentesi.**

**It-tweġibiet ta' kull taqsima għandhom jinkitbu fuq il-ktejjeb ipprovdut.**

e myexams@gov.mt | www.myexams.gov.mt

**Taqsima 1: Il-Komponiment** **(35 marka)**

Agħżel titlu minn dawn u ikteb komponiment ta' 350 kelma.

a) Ħobb lil ġarek iżda ddaħħlux f'darek. Iddiskuti.

*jew*

b) Safra memorabbli li ma nista' ninsa qatt. Iddeskrivi.

**Taqsima 2: Fehim mill-Qari** **(25 marka)**

Aqra sew dan it-test u wara aħdem it-taħriġ fuqu.

**Il-Ħajt ta' Hadrian: Fruntiera Imperjali, Kontroll u Identità Rumana**

Il-Ħajt ta' Hadrian huwa wieħed mill-aktar eżempji notevoli ta' kif l-Imperu Ruman kien jikkontrolla, jiddefendi u jamministra fruntiera imperjali. Il-kostruzzjoni tiegħu bdiet fis-sena 122 W.K., fi żmien meta l-Imperu Ruman kien wasal fil-quċċata tas-saħħa territorjali tiegħu. L-Imperatur Hadrian, magħruf għall-politika tiegħu li jikkonsolida aktar milli jespandi l-imperu, iddeċieda li jistabbilixxi fruntiera stabbli fit-Tramuntana tal-provinċja tal-Brittanja.

Il-ħajt kien jinfirex għal madwar 117-il kilometru, mill-kosta tal-Baħar Irlandiż fil-Punent sal-Baħar tat-Tramuntana fil-Lvant. Dan kien jinkludi mhux biss ħajt fiżiku, iżda sistema difensiva kumplessa li kienet tikkonsisti f'foss, toroq militari, fortizzi kbar, fortijiet iżgħar magħrufa bħala milecastles, u torrijiet ta' sorveljanza. Din is-sistema ppermettiet lill-armata Rumana tgħasses kontinwament il-fruntiera u tirreaġixxi malajr għal kwalunkwè theddida.

Mil-lat militari, il-ħajt kien maħsub biex inaqqas l-invażjonijiet u l-attakki f'daqqa mit-tribujiet tat-Tramuntana, partikolarment il-Picts. Madankollu, il-ħajt ma kienx imfassal biex iwaqqaf armata kbira għal kollox, iżda biex jikkontrolla l-passaġġ u jagħti vantaġġ strateġiku lis-suldati Rumani. Il-bibien u l-punti ta' aċċess kienu kruċjali f'dan ir-rigward, peress li ppermettew kontroll strett fuq min kien jidħol u joħroġ mit-territorju Ruman.

L-importanza tal-Ħajt ta' Hadrian ma kinitx limitata biss għad-difiża. Huwa kellu wkoll funzjoni amministrattiva u ekonomika. Il-ħajt serva bħala punt fejn il-kummerċ kien jiġi rregolat, il-merkanzija spezzjonata, u t-taxxi miġbura. B'dan il-mod, il-ħajt sar parti integrali mis-sistema ekonomika Rumana fil-Brittanja. Dan juri kif il-fruntieri Rumani kienu spazji ta' interazzjoni u mhux biss ta' separazzjoni.

Il-ħajja ta' kuljum fuq il-ħajt kienet ikkaratterizzata minn diversità kulturali. Is-suldati Rumani ma kinux kollha minn Ruma; ħafna minnhom kienu ġejjin minn provinċji oħra tal-imperu, bħal Spanja, Gallja, il-Balkani u anke l-Lvant Nofsani. Dan wassal għal taħlita ta' lingwi, drawwiet u reliġjonijiet.

Madwar il-fortizzi nħolqu komunitajiet ċivili fejn kienu jgħixu familji, negozjanti u artiġjani, u dawn il-komunitajiet kellhom irwol importanti fl-ekonomija lokali.

Ir-reliġjon kienet aspett importanti tal-ħajja tul il-ħajt. Fdalijiet arkeoloġiċi juru li kien hemm tempji u altari ddedikati lil allat Rumani kif ukoll lil allat lokali u barranin. Dan juri tolleranza relattiva u integrazzjoni kulturali, tipika tal-politika Rumana f'ħafna provinċji.

Fis-sekli ta' wara, hekk kif l-Imperu Ruman beda jiddgħajjef, il-ħajt tilef il-funzjoni tiegħu bħala fruntiera attiva. Xi partijiet ġew abbandunati, filwaqt li oħrajn reġgħu ntużaw minn popolazzjonijiet lokali bħala sors ta' ġebel għall-bini. Minkejja dan, il-Ħajt ta' Hadrian baqa' simbolu qawwi tal-preżenza Rumana fil-Brittanja.

Illum, il-Ħajt ta' Hadrian huwa meqjus bħala Sit ta' Wirt Dinji tal-UNESCO u huwa studjat minn storiċi u arkeologi bħala eżempju eċċellenti ta' inġinerija, organizzazzjoni militari kbira u stampa tajba tal-amministrazzjoni imperjali. Il-ħajt joffri wkoll opportunità biex nirriflettu fuq il-kunċett ta' fruntieri, kemm fl-imgħoddi kif ukoll fid-dinja moderna, u fuq kif strutturi fiżiċi jistgħu jġorru tifsiriet politiċi, soċjali u simboliċi profondi.

**A. Wieġeb il-mistoqsijiet fuq dak li għadek kif qrajt:**

1. Għaliex l-Imperatur Hadrian ordna l-bini tal-ħajt?
a. Biex jestendi l-Imperu Ruman lejn it-Tramuntana.
b. Biex joħloq fruntiera ċara u jikkontrolla t-territorju.
ċ. Biex jinkoraġġixxi l-migrazzjoni tal-popli tat-Tramuntana.
d. Biex jissostitwixxi l-armata Rumana. (2 marki)

2. L-Imperatur Hadrian kien magħruf għax ried
a. ikabbar kemm jiflaħ l-Imperu Ruman.
b. jaħqar u jiġbor it-taxxi mingħand il-popli maħkuma.
ċ. isaħħaħ u jiddefendi sew l-artijiet li kellu l-Imperu.
d. jeqred id-diversità kulturali u jmexxi l-kultura Rumana. (2 marki)

3. Semmi **ŻEWĠ** vantaġġi li offra dan il-ħajt lill-armata Rumana. (2 marki)

4. Semmi **ŻEWĠ** funzjonijiet oħra li kien jaqdi dan il-ħajt, barra dik ta' difiża. (2 marki)

5. Għaliex dan il-ħajt jitqies bħala eżempju ta' komunità multikulturali bikrija? (2 marki)

6. X'jixhdu l-fdalijiet arkeoloġiċi misjuba tul dan il-ħajt fuq it-tolleranza reliġjuża tal-ħakkiema Rumani ta' dak iż-żmien? (3 marki)

7. Għaliex il-ħajt tilef l-importanza militari tiegħu maż-żmien u x'beda jiġrilu? (4 marki)

8. Għal-liema raġunijiet dan il-ħajt għadu jinteressa sal-lum il-ġurnata lill-istudjużi? Semmi **TLIETA**. (3 marki)

**B. GĦARFIEN IL-LINGWA**

1. Liema **kelma** mill-**ewwel** paragrafu tas-silta għandha din it-tifsira? (3 marki)

a. importanti.
b. fl-aqwa tiegħu.
ċ. jsaħħaħ.

2. Agħti **kelma**/**frażi** bl-istess tifsira għal dak bil-**grassett** fis-silta ta' hawn taħt. (2 marki)

Fis-sekli ta' wara, hekk kif l-Imperu Ruman beda **jiddgħajjef**, il-ħajt tilef il-funzjoni tiegħu bħala **fruntiera** attiva. Xi partijiet ġew **abbandunati**, filwaqt li oħrajn reġgħu ntużaw minn popolazzjonijiet lokali bħala sors ta' ġebel għall-bini. Minkejja dan, il-Ħajt ta' Hadrian baqa' **simbolu** qawwi tal-preżenza Rumana fil-Brittanja.

**Taqsima 3: Il-Kitba ta' Rapport** **(20 marka)**

Agħżel titlu minn dawn u ikteb rapport ta' 80 kelma.

a) Waqt kunċert annwali fi pjazza ewlenija ta' pajjiżna, int assistejt għal spettaklu uniku. Ikteb rapport biex tiddeskrivi dak li seħħ u kif dan il-kunċert intlaqa' mill-pubbliku preżenti.

*Jew*

b) Inti emigrant Malti li tgħix l-Awstralja. Is-sajf li għadda qattajt xahar vaganza f'Malta wara bosta snin nieqes u nnutajt li l-Maltin ftit għadhom jgħożżu l-identità u d-drawwiet tradizzjonali ta' pajjiżhom. Ikteb rapport għal gazzetta lokali fejn issemmi dak li nnutajt.

**Taqsima 4: Il-Kitba ta' Ittra** **(20 marka)**
Agħżel titlu minn dawn u ikteb ittra elettronika ta' 80 kelma.

a) Ikteb ittra elettronika lil preżentatur tar-radju biex tagħtih suġġerimenti dwar kif jista' jitjieb il-livell tal-programm informattiv tiegħu li qed jixxandar fuq dak l-istazzjon u li fil-fehma tiegħek ma jilħaqx il-livell mixtieq. **Fl-ittra uża dawn id-dettalji**:
Ismek: Marisa *jew* Adrian Bartolo,
Isem il-programm : Ninfurmaw Ruħna
L-indirizz tiegħek: marisa@zmail.com *jew* adrian@zmail.com
L-indirizz tal-programm: kuntatt@radju.com

*Jew*

b) Fis-satra tal-lejl għad għandna lil min imur jitfa' kull tip ta' skart f'postijiet imbiegħda fil-kampanja ta' pajjiżna. Ikteb ittra elettronika lill-Ministeru tal-Ambjent li fiha tissuġġerixxi x'għandu jsir biex dan ma jibqax jitwettaq. **Fl-ittra uża dawn id-dettalji**:
Ismek: Maria *jew* David Borg,
Isem l-impjegat fil-Ministeru: Doris Agius
L-indirizz tiegħek: maria@zmail.com *jew* david@zmail.com
L-indirizz tal-impjegata fil-Ministeru: doris@ambjentmalta.com

# TMIEM IL-KARTA